MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' April, 2010

Numru 406/1999

**Il-Pulizija**
**Spettur Frans Micallef**
**V**

**FABIO PSAILA**

**Sedua ta' llum tlettax (13) t'April, 2010**

**Il-Qorti,**
Rat li l- imputat **FABIO PSAILA** ta' tmienja w ghoxrin sena, bin Alfred u Mary nee' Farrugia mwieled Pieta' fid-dsatax ta' Gunju 1974, u li joqghod Hamrun detentur tal-karta ta' l-identita numru 318874M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fil-lejl ta' bejn t-tlieta w l-erbgha ta' Ottubru 1998, f'Pembroke, flimkien ma persuna ohra kkommetta serq ta' oggetti minn go vettura pparkjata,

liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, valur, ta' aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. Talli wkoll fl-istess data, hin u cirkostanzi xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom;

3. Talli wkoll fl-istess data u cirkostanzi, ghen jew assista lil awtur jew lil awturi tad-dellit fl-atti li bihom d-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat;

4. Talli kiser il-kundizzjonijiet tal-allura artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati fl-ghoxrin ta' Lulju 1998.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Frar 1999 esibita bhala Dok. FM 2 a fol. 18 et seq tal-atti, kif wkoll il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat dsatax ta' Mejju 1999 (fol. 2) sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Il-Qorti semghet lil imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja u dan meta sar l-esami nhar t-tletin ta' Gunju 1999 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta (fol. 13).

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tnejn ta' Marzu 2010.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tletin ta' Gunju 1999 xehed l-**Ispettur Frans Micallef** (fol. 15) fejn qal li nhar l-erbgha t'Ottubru 1998 kienet marret taghmel rapport l-ghassa tal-pulizija San Giljan, certa Moira Cutajar fejn allegat li kien sar serq mill-vettura taghha bin-numru ta' registrazzjoni BAG 209 li kienet ipparkjata Pembroke u li minnha kien insterqilha xi apparat tal-Hi Fi, xi ghaxar liri fi flus, *mobile phone* u

*cashlink*. Qal li dwar dan il-kaz, hu nvestiga kemm lil imputat odjern kif wkoll lil certu Johann Sultana. Dan Johann Sultana rrilaxxja stqarrija fil-presenza tas-Surgent Walter Hammet, fejn ddeskriva l-involviment kemm tieghu kif ukoll tal-ko akkuzat l-imputat odjern, liema stqarrija giet esibita u mmarkata bhala Dok. FM 1 (fol. 19).

Kompla jghid li minn naha tieghu l-imputat odjern, kien innega dan kollu u qal li fil-hin tal-incident, hu kien d-dar flimkien mal-mara tieghu. L-imputat pero kien stqarr ukoll li f'xi hin matul l-lejl hu kien ircieva telefonata minghand dan Johann Sultana. Ix-xhud esebixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Fabio Psaila bhala Dok. FM 2 (fol.18).

Zied jghid li minn stharrig ulterjuri jirrizulta li minn fuq il-*mobile phone* ta' Moira Cutajar kienu saru diversi telefonati fosthom lil omm Johann Sultana, Marthese Sultana nhar l-erbgha t'Ottubru 1998 bejn t-tlieta ta' filghodu w it-tlieta w nofs ta' filghodu u Marthese Sultana kkonfermat li dawn t-telefonati saru mill-imputat Fabio Psaila li effettivament kien kellimha ghal xi hin u gharfet il-vuci taghha.

Qal li pero l-imputat Fabio Psaila baqa' jinnega dan kollu pero sussegwentement gie mressaq il-Qorti akkuzat bl-akkuzi odjerni.

Illi nhar t-tletin ta' Gunju 1999 xehdet **Moira Cutajar** (fol. 21) fejn qalet li f'xi zmien matul s-sena 1998, jum is-Sibt, hi kienet ipparkjat il-vettura taghha Opel Corsa bin-numru ta' registrazzjoni BAG 209, s-Swieqi ftit 'l fuq mill-ITS fil-hdax u nofs ta' bil-lejl u kienet sakkritha. Qalet li sussegwentement marret Paceville w ghal habta tas-siegha ta' filghodu ta' jum il-Hadd, meta marret ghal vettura taghha, sabet li kienet imqallba u sabet nieqes minnha xi oggetti bhal *stereo, amplifier, speakers, mobile phone* u xi oggetti ohra. Qalet li kienet sabet l-bieba tan-naha tax-xellug illevata wkoll. Ziedet tghid li kienet sewwiet il-karozza taghha ghand garaxx li kienu ssuggerewlha l-*insurance* taghha. Qalet li ma kienetx taf kemm kienu jiswew l-oggetti li kienet sabet nieqsa u li

thallset minghand l-*insurance* taghha ‘Melita’, ghal dak li jirrigwarda l-hsarat li sofriet.

Illi nhar t-tletin ta’ Gunju 1999 xehed **PS 621 Pierre Calleja** (fol. 23) fejn qal li nhar l-erbgha t’Ottubru 1998 hu kien stazzjonat l-ghassa ta’ San Giljan meta ghal habta tas-saghtejn ta’ filghodu kienet marret Moira Cutajar taghmel rapport u stqarret li meta rritornat lura ghal vettura taghha Opel Corsa bin-numru ta’ registrazzjoni BAG 209 li kienet halliet ipparkjata f’Pembroke, sabet li xi hadd mhux maghruf kien sgassalha l-bieba u serqilha xi oggetti. Qal li hu kien ghamel rapport li esibixxa bhala Dok. PC (fol. 25). Qal li l-istess vettura kellha wkoll xi hsarat.

Illi nhar t-tletin ta’ Gunju 1999 xehed **Ivan Abela** (fol. 27) fejn qal li jum fost l-ohrajn hu kien Paceville ma Moira Cutajar u meta marru lejn il-karozza ta’ Moira Cutajar, hdejn l-vettura kien hemm diversi kaxxi u karti u l-vettura kellha l-bieba llevata. Qal li meta dahlu fl-imsemmija karozza, sabu li kien hemm fiha taqlib u diversi oggetti neqsin minnha fosthom r-*radio, speakers, amplifier, cassettes, mobile phone, remote* tal-garaxx u *wallet*. Qal li l-i*speakers, r-remote* tal-garaxx u l-*mobile phone* li kellu n-numru 0991502 li nsterqu, kienu tieghu.

Zied jghid li hu mar jaghmel rapport pero wara rrizultalu mill-kontijiet li rcieva tal-*mobile phone*, li minn fuq dan is-set kienu saru telefonati meta dan ma kienx fil-pussess tieghu. Jispjega li dam ma jikkancella l-linja ghal xi gurnata.

Illi nhar t-tletin ta’ Gunju 1999 xehdet **Marthese Sultana** (fol. 29) fejn qalet li tigi omm Johann Sultana. Qalet li hi tghix ma certu Emanuel Buttigieg w it-telefon fejn tghix huwa registrat f’isem Emanuel Buttigieg, liema numru huwa 490398. Ftakret li gurnata minnhom kien cemplilha l-Ispettur Frans Micallef fuq dan n-numru u staqsiha jekk kienx cemplilha xi hadd bl-isem ta’ Fabio Psaila u hi qaltlu li kien cemplilha ghal habta tat-tlieta w nofs ta’ filghodu. Qalet li tiftakar li meta l-imputat kien cemplilha semghet hafna storbju fuq in-naha l-ohra u l-imputat kien qalilha li

kien Paceville. Qalet li fl-istess lejl kien rega' cemplilha l-imputat.

Illi nhar s-sitta ta' Settembru 1999 xehed **PS 441 Louis Micallef** (fol. 35) fejn wara li ra l-istqarrija esibita bhala Dok. FM 2 rilaxxjata mill-imputat Fabio Psaila, ikkonferma li din giet rilaxxjata wara li l-istess gie moghti s-solita twissija u li din giet rilaxxjata b'mod voluntarju. Ikkonferma l-firma tieghu, dik tal-Ispettur Franz Micallef kif wkoll tal-imputat Fabio Psaila fuqha.

Illi nhar t-tmintax t'Ottubru 1999 xehed **Andrew Pizzuto** (fol. 39) fejn qal li hu jahdem bhala *claims manager* mal-'Melita Insurance Agency'. Qal li nhar t-tlieta t'Ottubru 1998 huma kienu gew infurmati minn certu Anthony Cutajar li waqt li l-vettura Opel Corsa b in-numru ta' registrazzjoni BAG 209 kienet ipparkjata Pembroke, saret hsara fiha u sfat misruqa minn diversi oggetti li kien hemm fiha. Qal li dan kellu polza t'assikurazzjoni *comprehensive* w ghalhekk sewwew il-hsara kagjonata u hallsu ghal affarijiet nieqsa lil Anthony Cutajar s-somma ta' mija u sitta w disghin lira maltin (LM196) ghall-oggetti li insterqu u s-somma ta' elf tlett mija u disgha w tmenin lira maltin (LM1389) bhala hsarat. Zied jghid li skond ma qalilhom Anthony Cutajar, din il-vettura kienet thalliet ipparkjata Pembroke minn bintu Moira Cutajar qabel ma sfat misruqa. Ix-xhud esibixxa kopja ta' *survey report* datat sebgha t'Ottubru 1998 minn fejn jirrizulta li thallset is-somma ta' hames mija u tnejn u sittin lira (LM52) li jkopru l-*labour* tal-*mechanic* u *spray*, liema dokument gie mmarkat CSH. Esibixxa wkoll kopja ohra mahruga mill-'uto Repairs and Services'fl-ammont ta' tmien mija, sebgha w ghoxrin lira u tnejn w erbghin centezmu (LM 827.42) bhala *spare parts* li gew mibdula liema dokument gie mmarkat CSH 1.

Illi nhar l-erbgha ta' Novembru 1999 xehdet **Dottor Sandra Sladden** (fol. 46) fejn fil-kapacita taghha ta' rappresentant tas-socjeta 'Vodafone Limited', kienet giet mitluba sabiex taghmel ricerka fuq Fabio Psaila detentur tal-karta tal-identita numru 318874M, li allegatament kien qed juza l-*mobile phone* bin-numru 0942 0597, kif wkoll

sabiex taghmel ricerka fuq certu Ivan Abela detentur tal-karta tal-identita numru 152079M. Hi ghamlet tali ricerka w esibiet d-dokumenti SS 1 u SS 2 f'dan r-rigward. Spjegat li Ivan Abela kien qed jaghmel uzu minn *mobile phone* bin-numru 099 1502 u fil-hamsa t'Ottubru 1998, hu kien ghamel talba sabiex jinbidel n-numru tieghu peress li allegatament il-mobile tieghu kien gie misruq jew mitluf.

Illi minn ezami ta' dawn id-dokumenti jirrizulta li effettivament nhar l-erbgha t'Ottubru 1998 vera kienu saru bosta telefonati minn fuq il-*mobile phone number* 099 1502 registrar f'isem Ivan Abela filwaqt li l-*mobile phone* in kwistjoni kien gie rapurtat misruq. Jirrizulta li kien hemm numru ta telefonati li saru minn dan is-set ta' Ivan Abela ghal fuq in-numru 0942 0597 registrat f'isem l-imputat Fabio Psaila. Dan kollu jirrizulta mid-dokumenti esebiti mill-'Vodafone'.

Pero minn imkien ma jirrizulta l-oppost u cioe li l-imputat Fabio Psaila cempel lil *mobile phone* ta' Ivan Abela.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2000 xehed **Stephen Gauci** (fol. 83) fejn qal li hu sid s-St. Patrick's Garage, Steve's Car Hire. Qal li fit-tlieta t'Ottubru 1998 hu kellu karozza mikrija lil imputat odjern Fabio Psaila liema karozza kienet tal-ghamla Maruti bin-numru ta' registrazzjoni BAG 209. Qal li din il-vettura kienet ilha mikrija lilu mit-tlieta t'Ottubru ghal xi gimghatejn u giet ritornata lilu xi gimgha wara.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2007 xehed **Johann Sultana** (fol. 151) fejn ikkonferma li hu kien ghadda proceduri konnessi mal-kawza odjerna u li l-kawza tieghu kienet giet deciza nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Mejju 2004. Qal li l-incident in kwistjoni kien ilu li sehh xi ghaxar snin gewwa Pembroke. Qal li hu ghamel zmien twil l-habs, li kien jiehu hafna pilloli u li kien jaf lil imputat Fabio Psaila peress li ghamlu hafna zmien johorgu flimkien. Qal li dak li qal fl-istqarrija minnu rilaxxjata a tempo vergine tal-investigazzjoni huwa kollu minnu u li ma kellu xejn aktar x'izied maghha, ghalkemm qal li dak li qal fl-istess stqarrija kien qalu sabiex ma jitfax dell ikrah fuqu.

Dwar l-incident qal li ma jiftakarx kif kien mar Pembroke mal-imputat biex jisirqu. Qal li effettivament pero jiftakar li kien seraq minn go vettura filwaqt li l-imputat Fabio Psaila kien qaghad jistennih f'karozza ohra. Qal li kien bil-lejl u ma kienx hemm nies ohra. Qal li kien hu li kien seraq xi *stereo*, xi *wallet*, xi *mobile* u xi accessorji ohra u mhux l-imputat Fabio Psaila. Zied jghid li meta seraq il-*mobile phone* hu kien cempel lil ommu minn fuq l-istess *mobile phone*. Qal li ma kienx jidhirlu li l-imputat Fabio Psaila kien ghamel xi telefonata minn fuq l-*mobile phone* misruq. Qal li l-oggetti li hu seraq kienu ghabbewhom fil-karozza li fiha kien qed jistenna l-imputat liema karozza kienet mikrija lil imputat.

In kontr'ezami qal li hu Pembroke mar drabi ohra pero dik d-darba biss seraq minn hemm. Qal li ma kienx jaf jekk kienx qal lil l-imputat li hu kien seraq minn hemmhekk. Qal li dak z-zmien, meta kien jisraq xi haga, kien ihossu qisu qed jiehu xi haga tieghu stess u dik kienet il-problema li kellu. Qal li llum l-gurnata m'ghadux b'dik il-problema, wara tnax il-sena habs. Ikkonferma li Fabio Psaila qatt ma hajjru sabiex imur jisraq u lanqas ma tah xi ordni jaghmel hekk. Qal li Fabio Psaila fil-fatt kien rrabja mieghu meta qallu li kien mar jisraq ghax qallu li ma kellux bzonn dawk l-affarijiet li kien seraq u fil-fatt kien qal lil imputat sabiex iwaqqfu hemmhekk u hareg mill-karozza. Qal li ma jiftakarx jekk cempilx lil ommu biex jghidilha li kien sejjer d-dar pero ftakar li wara kien ghamel uzu mill-mobile phone. Qal li jekk jiftakar sew, dakinhar kien waqaf hdejn l-hanut bl-isem 'Chick King' pero ma kien ha xejn u mar d-dar. Qal li ma kienx cert li meta waqaf hemmhekk, l-imputat baqghax mieghu. Cahad li kienu waqfu hemmhekk ghaliex kellhom xi jghidu peress li l-oggetti li kien seraq kienu hmerijiet. Qal li ma kienx jaf ghaliex l-imputat ma hadux lura dakinhar.
In re-ezami x-xhud Johann Sultana kkonferma li kien hu biss li seraq u mhux l-imputat, ghaliex l-imputat kien baqa' fil-karozza u meta rritorna, hemm sabu lil imputat, fil-karozza.

Il-Qorti ezaminat l-istqarrija rilaxxjata minn l-imputat Fabio Psaila nhar it-tnejn w ghoxrin ta’ Frar 1999 (fol. 18 Dok FM2). Fiha jghid li huwa kien tkellem ma l-Ispettur Investigattiv dwar l-allegat serqa u kien stqarr mieghu wara li kien gie muri xi *detail listing* tal-‘Vodafone’ li bejn it-tlieta u l-erbgha t’Ottubru 1998 kien cempillu Johan Sultana ghal habta tat-tlieta ta’ filghodu u kien staqsih jekk kienx ma missieru Martin Sultana. Huwa jichad dak li gie allegat lilu mill-Ispettur li kien ma Johann Sultana meta effettwa is-serqa minn gewwa Pembroka u jghid li kien id-dar. Jghid ukoll li Johann Sultana kien cempillu diversi drabi f’dawk iz-zminijiet tas-serqa, pero ma kienx jaf minn liema telefon kien cempillu w ghal darb ohra <u>cahad li kien involut fis-serqa</u> u naqas ukoll li jaghti spjegazzjoni ta’ kif sehhet is-serqa ghax ma kienx hemm. Cahad ukoll li kien kera xi karozza ghaliex jghid li kien juza il-vettura tieghu tal-ghamla Peugeot 106.

Illi nhar s-sbatax ta’ Settembru 2009 xehed **l-imputat minn jeddu b’mod voluntarju** (fol. 164) fejn qal li fiz-zmien in kwistjoni, hu kien ser ikollu tifel u missier Johann Sultana, u cioe Martin Sultana, kien hadimlu xi ghamara fosthom kamra tas-sodda ghal dan t-tifel. Qal li Martin Sultana kien separat minn martu u gieli kienu jiltaqghu u johorgu flimkien u gieli Martin Sultana kien jigbor lil ibnu Johann u jnizzlu d-dar. Ikkonferma li bejn t-tlieta u l-erbgha t’Ottubru 1998, hu ma kienx ma Johann Sultana meta wettaq s-serqa f’Pembroke pero wara kienu ltaqghu u kien qallu dak li kien ghamel. Qal li hu u Martin Sultana kienu Paceville u kien mar Johann Sultana jiltaqa maghhom u kien qalilhom x’kien ghamel. Qal li mieghu pero ma kellux affarijiet misruqa. Qal li jiftakar li Martin Sultana kien beda jiggieled ma ibnu Johann Sultana. Qal li jaf li Johann Sultana kellu *mobile phone* f’idu u beda jcempel lil ommu u qalilha li kien ma missieru. Qal li kuntatt ma omm Johann Sultana qatt ma kellu u qatt ma kien cemplilha u lanqas hi ma qatt cemplitlu. Qal li omm Johann Sultana ma tantx kellha grazzja mieghu (mal-imputat) peress li kien imur Paceville ma zewgha Martin Sultana ghax kienet tahseb li kien ser ilaqqghu ma xi nies ohra. Qal li hu dak iz-zmien kellu hamsa w ghoxrin sena.

Illi nhar s-sebgha ta' Jannar 2010 xehed **Martin Sultana** (fol. 169) fejn qal li hu jigi missier Johann Sultana. Mistoqsi jafx lil imputat Fabio Psaila wiegeb li jafu. Qal li xi ghaxar snin ilu kienu hbieb u kienu jkunu hafna flimkien. Qal li dak z-zmien kien ghaddej minn separazzjoni minn ma martu u kellu tifel ta' dsatax il-sena. Qal li dak z-zmien hu kien johrog mal-imputat u l-ex mara tieghu kienet tahseb li kien hu li kien qed jisfrattah w ghalhekk ma tantx kienet iggibu lil imputat. Qal li mhux l-ewwel darba li ibnu Johann Sultana kien mar Paceville u sabu fil-kumpanija tal-imputat. Qal li hu kien idum jixrob mal-imputat sas-sieghat bikrin ta' filghodu.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi din il-Qorti kif preseduta tirrileva fl-ewwel lok li din il-kawza kienet marret side die nhar l-erbatax ta' Marzu 2007 peress li l-prosekuzzjoni kienet qed tonqos li tidher u kien biss permezz ta' rikors ppresentat mill-Kummissarju tal-Pulizija nhar l-ghoxrin t'April 2009 li din l-kawza reghet giet appuntata u tkompliet tinstema' quddiemha.

Illi ma hemmx dubbju li din il-kawza tiddependi fuq kwistjoni ta' kredibilta ta' xhieda principalment. Huwa principju sancit fil-ligi penali li xhieda ta' komplici m'ghandhiex effett la fil-posittiv u lanqas fin-negattiv fil-konfront ta' dak il-komplici ko-akkuzat jekk ma tkunx korroborata b'evidenza ohra.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti kienet rinfaccjata b'ammissjoni ta' Johan Sultana u dan fis-seduta tal-hamsa ta' Mejju 2004 (fol. 132) u fis-seduta sussegwenti, din il-Qorti kienet tat sentenza fejn kienet sabet lil Johann Sultana hati tal-akkuzi kif addebitati lilu.

Illi sussegwentement ghalhekk Johann Sultana kien tressaq biex jixhed kontra l-imputat odjern.

Illi Johann Sultana kien stqarr li kien hu li mar jisraq mill-vettura ta' Ivan Abela bejn il-lejl tat-tlieta u l-erbgha t'Ottubru 1998 u li l-imputat odjern Fabio Psaila kien qaghad jistennih fil-vettura tieghu.

L-imputat pero dan jichdu u jghid li kien id-dar rieqed meta Johann Sultana kien qed jaghmel is-serqa.

Il-Prosekuzzjoni ma ressqet lill-ebda xhud okulari jghid li ra lill-imputat Fabio Psaila jippartecipa fis-serqa. Lanqas ma ressqet xi prova xjentifika li tista torbot lil imputat Fabio Psaila max-xena tad-delitt.

Il-Prosekuzzjoni ttentat torbot lill-imputat Fabio Psaila mar-reat billi qalet li l-imputat cempel lill-omm Johann Sultana f'nofs ta' lejl bejn it-tlieta u l-erbgha t'Ottubru 1998 minn fuq il-*mobile phone* li kien gie misruq minghand Ivan Abela.

Din il-prova pero ma gietx ippruivata sodisfacentement ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, ghaliex fl-ewwel lok omm Johann Sultana qatt ma qalet mill-liema *mobile phone* cemplilha l-imputat Fabio Psaila, jekk hu veru li cemplilha u li semmai mill-kontijiet li ppresentati tal-*mobile phone* ta' Ivan Abela jirrizulta li saru telefonati mill-*mobile phone* tieghu ghal ghand l-imputat Fabio Psaila. Fabio Psaila dejjem qal li Johann Sultana cempillu kemm il-darba, ghalkemm jghid ukoll li ma jafx minn liema sett cempel dan Johann Sultana. Jirrizulta pero li l-*mobile phone* ta' Ivan Abela, li gie misruq minn Johann Sultana fit-tlieta ta' Ottubru 1998, kien f'idejn Johann Sultana u li minn fuqu saru telefonati ghal ghand l-imputat Fabio Psaila.

Dan ma jorbotx lil imptuat Fabio Psaila mas-serqa tal-*mobile phone* u wisq inqas mas-serqa tal-oggetti l-ohra li kien hemm mill-vettura ta' Ivan Abela.

Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, l-prosekuzzjoni naqset li tipprova *nexus* bejn is-serqa kommessa minn Johann Sultana u l-allegat partecipazzjoni tal-imputat Fabio Psaila, kif mistqarr minn Johann Sultana u michud mill-imputat Fabio Psaila.

Interessanti wkoll ghal Qorti l-fatt kif tinnota li ghalkemm ir-reat sar bejn it-tlieta u l-erbgha t'Ottubru 1998, Johann Sultana kien irrilaxxja stqarrija nhar l-ghoxrin t'Ottubru

1998 u cioe kwazi gimghatejn wara li sehh ir-reat, pero ghal xi raguni mhux maghrufa, l-imputat Fabio Psaila rrilaxxja stqarrija fit-tnejn w ghoxrin ta’ Frar 1999 w ghalhekk erbgha xhur wara, ghalkemm effettivament l-prosekuzzjoni kienet taf dwaru sa mill-ghoxrin t’Ottubru 1998, meta kien gie nterrogat Johann Sultana.

Ghalhekk il-Qorti, ghal fejn kien hemm dawn id-dewmien fl-investigazzjoni fil-konfront tal-imputat odjern Fabio Psaila, ma tafx.

Il-Qorti ghalhekk ma hiex konvinta sal grad rikjest mill-ligi, li l-imputat Fabio Psaila kien involut f’dan ir-reat ta’ serq u/jew ricettazzjoni w ghalhekk sejra tilliberah minn dawn l-akkuzi.

Konsegwentement ghalhekk isegwi li lanqas l-akkuza li kiser il-kundizzjoni moghtija lilu fil-*probation order* tal-ghoxrin (20) ta’ Lulju 1998 ma tirrizulta.

**Il-Qorti ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 261(c)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279, 280, 281, 334 u 42 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li ma ssibx lil imputat FABIO PSAILA hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni u tiddeciedi li tilliberah minn kull akkuza u htija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------